MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta ta' l-1 ta' Gunju, 2009

Appell Civili Numru. 1472/1998/1

**Salvu Psaila**

**vs**

**Richard Pace u b'digriet tal-11 ta' Ottubru 2001 Giuseppi Psaila gie ammess fil-kawza bhala konvenut ghal dan l-interess tieghu ghat-tenur tal-artikolu 960 tal-Procedura Civili.**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors ta' l-appell tal-attur Salvu Psaila (ID 227516M) datat 22 ta' April 2008 a fol. 171 tal-process fejn espona:-

1. Illi permezz tal-avviz fl-ismijiet premessi, l-esponent talab lill-Qorti tal-Magistrati (Malta) tikkundanna lill-konvenut Richard Pace, sabiex jghid il-ghaliex ma ghandux jigi kundannat li jizgombra fi zmien qasir u

perentorju li jigi stabbilit lilu mill-ghalqa formanti parti integrali flimkien mal-gnien u d-dar 35 St. Nicholas Street, Qrendi, mill-kirja unika ta' erba' liri Maltin u tlettax-il centemzu (Lm4.13,) ghall-*intier* pagabbli lil Manduca Estates u l-Kontessina Mary Theuma Castelletti, prevja d-dikjarazzjoni illi l-konvenut ma ghandu l-ebda jedd jew titolu validu dwar l-istess;

Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-ittri legali tad-19 ta' Settembru 1996 u tal-10 ta' Ottubru 1996 kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Ghall-fini tal-kompetenza gie dikjarat illi l-valur lokatizju ma jeccedix il-hames liri Maltin (Lm5).

2. Il-konvenut Richard Pace eccepixxa:

(i) Illi l-avviz promotorju ta' din il-kawza huwa null u minghajr effett ghaliex it-talbiet fih huma nieqsa minn kawzali kif tirrikjedi l-ligi, cioe` titolu fl-attur bhala bazi tal-azzjoni esperita.

(ii) Illi fil-fatt il-qbiela tal-ghalqa bir-razzett u gardinetta riferita fl-avviz hija ta' Giuseppe Psaila li hallielu huh George Psaila bit-testment tas-6 ta’ Settembru 1988 fl-atti tan-Nutar Nicola Said.

(iii) Illi l-eccipjent ghandu jigi liberat mid-domandi. Fi kwalunkwe kaz l-azzjoni attrici ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra l-attur.

3. Illi b'digriet tal-11 ta' Otturbu 2001, gie ammess fil-kawza bhala konvenut, Giuseppi Psaila, u dan ghal kull interess li jista' jkollu. L-istess Giusppi Psaila eccepixxa:-

(i) fl-ewwel lok assocja ruhu u ghamel tieghu l-eccezzjonijiet moghtija mill-konvenut Richard Pace.

(ii) *inoltre* bhala fatt, il-qbiela u l-kera tal-ghalqa riferita fl-Avviz, bir-razzett (indikat fl-Avviz bhal dar) u l-gardinetta, huma tal-esponent u gew trasferiti lilu minn

huh George Psaila bit-testment tas-6 ta' Settembru 1988 fl-atti tan-Nutar Nicola Said.

(iii) ghalhekk u fi kwalunkwe kaz, l-azzjoni attrici ghandha tigi michuda, bl-ispejjez kontra l-attur, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tas-26 ta’ Settembru 1996.

4. Illi b'sentenza tat-2 ta' April 2008, il-Qorti tal-Magistrati (Malta) ikkonkludiet li fil-fehma taghha t-talba kif maghmula, u kif fehmitha l-istess Qorti, ma tistax tigi akkolta cahdet it-talbiet attrici bl-ispejjez jithallsu mill-attur.

5. Illi l-esponent hass ruhu aggravat minn din id-decizjoni, u ghalhekk qed jinterponi appell minnha quddiem din l-Onorabbli Qorti tal-Appell.

**Fatti**

6. Il-fond 35, St. Nicholas Street, Qrendi bil-gnien u bir-raba' anness mieghu kien gie allokat mid-Dipartiment tad-Djar lil George Psaila u Salvu Psaila *in solidum* bejniethom. Dawn flimkien kienu gew rikonoxxuti mis-sidien wara li saret ittra ufficjali kontra taghhom mid-Dipartiment tad-Djar ghal liema huma ma wegbux u wara billi accettaw u rcevew il-kera ghall-fond kif allokat. Id-dar bil-gardina u l-ghalqa huwa kirja wahda. Wara li kienu okkupati miz-zewg inkwilini flimkien, f’xi zmien George Psaila kien telaq mill-fond li baqa' okkupat mill-attur Salvu Psaila wahdu. Wara li miet George Psaila, il-konvenut Richard Pace beda jippretendi li ghandu jedd fuq ir-raba' ghax qal li hallihulu l-istess George Psaila. Filfatt huwa qabad u okkupa l-ghalqa u qieghed jahdimha.

**Aggravji**

7. L-aggravju tal-esponent huwa li l-Qorti tal-Magistrati ddecidiet hazin meta naqset li tilqa' t-talbiet tal-esponent, u naqset li tapprezza li l-fond konsistenti fil-post, il-gardina u l-ghalqa kien gie allokat mid-Dipartiment tal-Artijiet bhala fond wiehed u rikonoxxjut mis-sidien bhala kirja wahda, u ghalhekk meta George Psaila hareg mill-istess fond u mar jabita band' ohra, tilef id-dritt tar-rilokazzjoni taht il-ligijiet

specjali u konsegwentement anqas ma seta' jghaddi xi parti tal-fond jew tal-kirja lill-konvenut Richard Pace. Richard Pace ghalhekk qatt ma seta' jakkwista titolu fuq parti mill-fond mikri lill-esponent u qieghed jokkupa l-ghalqa minghajr titolu validu fil-ligi.

**Konsiderazzjonijiet.**

8. Fil-konkluzjonijiet li wasslu ghad-decizjoni taghha, il-Qorti tal-Magistrati erroneament qalet li jirrizulta li l-ordni ta' rekwizizzjoni li biha gie allokat il-post mid-Dipartiment tad-Djar, kienet tinkludi biss id-dar. Il-Qorti bbazat din il-konkluzjoni fuq l-iskizz prezentat mix-xhud Joseph Zammit, rapprezentant tad-Direttur ghall-Akkomodazzjoni Socjali, mnejn kien jidher li Salvu Psaila u George Psaila kienu jokkupaw ambjenti differenti fid-dar 35, St. Nicholas Street, Qrendi. Pero` dan l-iskizz la jirrifletti u lanqas ma seta' jaffettwa t-titolu li kellhom l-okkupanti. Ghall-kuntrarju jirrizulta inekwivokabilment li l-fond konsistenti fid-dar, il-gardina u l-ghalqa, li lkoll jikkomunikaw ma xulxin, kienu gew allokati u accettati mis-sid, bhala kirja ta' fond wiehed. L-istess xhud Joseph Zammit xehed fis-seduta tat-22 ta' Jannar 2003 u spjega li:

*"Meta jkun hemm dar, post ta' abitazzjoni, li maghha jkun hemm gnien, requisition order li tinhareg fuq il-post bin-numru u bi triq indikati, din tinkludi wkoll il-gnien jew xi art li jkun hemm mieghu, cioe` kull ma jirreferi ghan-number in kwistjoni".*

Tant l-ambjenti kollha kienu gew allokati flimkien li kif kompla spjega Joseph Zammit is-sid kienet kitbet lid-Dipartiment u staqsiet kif ir-*requisition order* kienet tinkludi wkoll l-ghelieqi, *stante* li dawn kienu mqabblin. Dan ikompli jikkonferma li r-rekwizizzjoni saret fuq id-dar, il-gardina u l-ghalqa flimkien u hekk flimkien gew allokati solidalment bejn Salvu Psaila u George Psaila.

9. Il-konvenut Richard Pace nnifsu kkonferma fis-seduta tas-26 ta' Ottubru 1999 li l-bini, l-ghalqa u l-gnien huma kirja wahda. L-istess rega' qal fl-affidavit tieghu tal-11 ta' Lulju 2002.

10. Dan kollu jxejjen l-allegazzjoni li Salvu Psaila kellu biss il-kirja tad-dar. Ghalkemm Richard Pace wkoll jghid li l-attur Salvu Psaila kien jokkupa parti biss mill-bini li allokalu l-Housing u dan minghajr kera, filfatt kif xehed Joseph Zammit fis-seduta tad-29 ta' Mejju 2000, il-fond kien gie allokat lil George u Salvu Psaila *in solidum* flimkien. Dan ifisser li kull wiehed miz-zewg inkwilini solidali kellu l-kirja mal-iehor tal-fond kollu, cioe` tad-dar, il-gardina u l-ghalqa flimkien. Ghalhekk irrispettivament mill-fatt li fizikament ghal xi zmien kienu qed jokkupaw ambjenti separati, xorta wahda t-tnejn flimkien kellhom il-kirja tal-fond *intier* u ma setax ebda wiehed minnhom jappropria ruhu unilateralment minn parti mill-ambjenti, jew addirittura li jghaddihom lil terzi.

11. Anqas ghalhekk ma kienet korretta l-ewwel Qorti meta qalet li l-inkwilinat tar-raba' kien detenut mill-konvenut George Psaila wahdu u li sussegwentement ikkoncedih lill-konvenut Richard Pace. Mill-provi kollha jirrizulta ampjament li r-raba' kien gie allokat b'allokazzjoni wahda li kienet tinkludi d-dar, il-gardina u l-ghalqa u dawn flimkien kienu qed jinkrew minn George Psaila u Salvu Psaila solidalment bejnienthom.

Ghalhekk George Psaila ma setax jghaddi bicca mill-kirja lil haddiehor (Richard Pace) l-anqas dan ma seta' jiret il-kirja ladarba George Psaila ma kienx jirrisjedi fiha.

12. *Inoltre*, apparti s-suespost, irid jinghad Richard Pace qatt ma gie rikonoxxut mis-sid bhala inkwilin tal-fond in kwistjoni, kif lanqas ma gie rikonoxxut bhala inkwilin Joseph Psaila. Lanqas ma setghu dawn jinvokaw l-applikazzjoni tal-ligijiet specjali tal-kera favur taghhom ghaliex l-awtur taghhom ma kienx jirrisjedi fil-fond in kwistjoni, u kien irrilaxxjah favur l-esponent Salvu Psaila, ko-inkwilin mieghu, li min-naha tieghu baqa' jokkupa l-fond sallum. Konsegwentement jirrizulta li l-konvenuti ma kellhom ebda titolu fuq il-fond in kwistjoni, jew xi parti minnu.

13. Ghal dawn ir-ragunijiet u dawk kollha li jirrizultaw waqt it-trattazzjoni ta' dan l-appell, l-esponent filwaqt li jaghmel riferenza ghall-provi ga prodotti u s-sottomissjonijiet kollha maghmula minnu quddiem l-Ewwel Qorti, u jirrizerva li jressaq il-provi u jaghmel l-osservazzjonijiet kollha permissibbli skont il-ligi, jitlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tirrevoka u thassar is-sentenza moghtija fit-2 ta' April 2008 mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fil-kawza fl-ismijiet premessi, billi ghar-ragunijiet imsemmija, tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenuti appellati, u tilqa' it-talbiet attrici. Bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-konvenuti appellati.

Rat ir-risposta tal-konvenuti appellat Richard Pace (ID164943M) et ghar-rikors tal-appell tal-attur appellant Salvu Psaila datata 11 ta’ Awwissu 2008 a fol. 180 tal-process; fejn espona bir-rispett:-

1. Illi s-sentenza moghtija mill-Ewwel Onorabbli Qorti nhar l-Erbgha 2 ta' April, 2008, fil-kawza fl-ismijiet fuq premessi hija gusta u timmerita konferma.

2. Illi l-fatti tal-kawza kif esposti mill-attur appellant fir-rikors tal-appell tieghu huma zbaljati. L-attur appellant fil-paragrafu 6 f’pagna 2 tar-rikors tal-appell tieghu jikkonsidra b'mod erroneju bhala "Fatti" tliet allegazzjonijiet, u cioe`:

a) Illi l-ordni ta' rekwizizzjoni u l-allokazzjoni mid-Dipartiment tad-Djar kienet tirrigwarda mhux biss id-dar, izda wkoll il-gnien u l-ghalqa;

b) Id-dar, il-gardina u l-ghalqa huma kirja wahda, u

c) George Psaila telaq mid-dar u ghalhekk abbanduna l-ghalqa.

3. Illi dawn il-konkluzjonijiet tal-attur appellant huma zbaljati ghar-ragunijiet segwenti:-

a) L-ordni ta' rekwizizzjoni u l-allokazzjoni mid-Dipartiment tad-Djar tirrigwarda biss il-fond, *qua* dar ossija

razzett bin-numru 35, St. Nicholas Street, Qrendi. Dan jidher mix-xhieda ta' Joseph Zammit. Fil-fatt ir-rekwizizzjoni kienet biss fuq tmient ikmamar deskritti fuq l-iskizz a fol. 34 *et seq. ibid.* u kif gew deskritti mill-istess Joseph Zammit fix-xhieda tieghu tat-22 ta' Jannar 2003. M'hemm l-ebda pjanta tal-ghalqa tal-Andar.

b) Jidher car daqs il-kristall mir-ricevuti esebiti in atti a fol. 54 sa fol. 61 illi l-inkwilinat fuq l-ghalqa tal-Andar kien ghalih u separat mill-inkwilinat tad-dar u kien detenut minn George Psaila. Dan halla d-drittijiet tal-qbiela tal-ghalqa b'titolu ta' legat lill-konvenut Giuseppe Psaila b'testment tas-6 ta' Settembru 1988 in atti tan-Nutar Nikola Said esebit a fol. 33 *et seq. ibid.* (artikolu 7) u Giuseppe Psaila ikkonceda l-inkwilinat lill-konvenut Richard Pace permezz tad-dikjarazzjoni li tinsab a fol. 117 tal-atti. It-talba in esami tirreferi ghall-ghalqa biss u t-talba ghall-izgumbrament tinvolvi biss din l-ghalqa u mhux il-gnien u d-dar imsemmija fl-avviz, u ghalhekk it-talba tal-attur appellant ma tistax tintlaqa'.

c) Mhijiex fondata l-konkluzjoni tal-attur appellant illi la George Psaila telaq mid-dar, huwa abbanduna l-ghalqa u ghalhekk ma setax ihalli d-drittijiet tal-qbiela b'titolu ta' legat lil Giuseppe Psaila. Kif gie pruvat permezz tar-ricevuti a fol. 54 sa fol. 61, kien George Psaila li baqa' jhallas il-kera kemm tad-dar kif ukoll il-qbiela tal-ghalqa tal-Andar. L-attur appellat, kif ukoll Salvu Psaila, qatt ma hallsu kera. L-ghalqa ghadha tinhadem mill-konvenut Richard Pace.

Ghalhekk il-konkluzjonijiet maghmula mill-attur appellant mill-"fatti" zbaljati tieghu huma wkoll erroneji.

Ghaldaqstant *in vista* tas-suespost l-esponenti jissottomettu illi l-appell ghandu jigi michud u dan bl-ispejjez kontra l-attur appellant.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onor. Mhallef Philip Sciberras tas-7 ta’ Novembru 2008 fejn astjena milli jiehu konjizzjoni

ulterjuri tal-appell u dan ghar-ragunijiet hemm indikati skond id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 734 (d) tal-Kap. 12.**

Rat li din il-Qorti kif presjeduta giet surrogata mis-S.T.O Prim Imhallef Vincent De Gaetano b'digriet datat 13 ta' Novembru 2008 sabiex tisma' u tiddeciedi din il-kawza.

Rat li dan ir-rikors gie appuntat ghas-smigh minn din il-Qorti kif hekk presjeduta ghall-4 ta' Frar 2009.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem din l-Qorti hekk presjeduta tal-4 ta' Frar 2009 fejn meta ssejjah l-appell dehru d-difensuri tal-partijiet u l-konvenut appellat. Id-difensuri trattaw il-kaz u l-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-28 ta' Mejju 2009 u tat-28 ta' Mejju 2009 fejn gie differit ghas-sentenza ghall-1 ta' Gunju 2009.

Rat l-atti kollha relattivi in konnessjoni mas-smigh tal-istess kawza mill-Qorti tal-Magistrati u s-sentenza moghtija mill-istess Qorti datata 2 ta' April 2008.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## **II. KONSIDERAZZJONIJIET.**

Illi f'din il-kawza l-attur qed jitlob l-izgumbrament tal-konvenut mill-ghalqa formanti parti mill-gnien u d-dar f'35 f'St. Nicholas Street, Qrendi u dan ghaliex inghad li dan kollu kien jaqa' taht kera unika ta' Lm4.13 u dan peress li nghad li l-istess konvenut Pace ma ghandu ebda titolu fuq l-istess ghalqa.

Illi l-allegazzjoni attrici li l-fond bl-ghalqa b'kollox kienu gew allokati lill-attur u lill-huh mid-Dipartiment tad-Djar fit-30 ta' Jannar 1974, u fil-fatt dawn gew accettati mis-sidien bhala kerrejja tal-istess; jinghad li George Psaila wara li zzewweg ma baqax joqghod fl-istess fond u allura l-istess fond baqa' jigi okkupat mill-attur; ghalhekk meta miet l-imsemmi George Psaila fl-10 ta' Jannar 1996, l-istess kirja tal-ambjenti kollha hawn indikati baqghet f'idejn l-attur;

mal-attur marru jghixu Michael Ellull u bintu, izda wara l-mewt ta' George Psaila, l-konvenut Richard Pace ppretenda li ghandu dritt ta' qbiela fuq l-imsemmija ghalqa – haga li ma ghandux ghaliex meta miet George Psaila huwa kien tilef kull dritt li kellu ta' fuq il-fond u l-ambjenti kollha tieghu, inkluz l-istess ghalqa, u ghalhekk l-istess konvenut qed jokkupa l-istess ghalqa minghajr ebda titolu validu fil-ligi, anke ghaliex l-istess George Psaila la darba ma baqax joqghod fil-fond *de quo* ma setghax ihalli b'testment l-istess ghalqa lill-konvenut peress li kien tilef kull dritt ta' kera fuq l-istess fond, li baqa' kollu kemm huwa fuq l-attur, li baqa' jghix fl-istess fond.

Illi l-konvenuti jsostnu li l-kera tal-fond 35, St. Nicholas Street, Qrendi kienet separata mill-qbiela tal-ghalqa, b'dan li l-kera tal-fond fuq imsemmi kienet tikkonsisti biss mill-ambjenti ndikati fil-pjanta a fol. 34 tal-process u din biss kienet favur l-attur u George Psaila; minn naha l-ohra l-ghalqa kienet dejjem mqabbla favur George Psaila.

Illi fis-sentenza taghha datata 2 ta' April 2008 il-Qorti tal-Magistrati cahdet it-talbiet attrici peress li kkonstatat li l-azzjoni attrici tikkoncerna biss l-ghalqa u mhux il-gnien u fond indikat bin-numru 35, St. Nicholas Street, Qrendi, u dan peress li hija l-ghalqa li hija effettivament okkupata mill-konvenut Richard Pace. Fuq tali ghalqa sostniet li l-allegazzjonijiet attrici ma gietx ippruvata peress li l-ordni ta' rekwizzizzjoni kienet tkopri l-istess dar kif indikat mill-iskizz a fol. 34 tal-process, filwaqt li r-raba' kien detenut bi qbiela biss mill-konvenut George Psaila kif jidher mir-ricevuti tal-qbiela minn fol. 54 sa fol. 61 tal-process, u dan George Psaila kien ikkoncedih lill-konvenut Pace.

Illi l-appell odjern huwa fis-sens li ma giex konstatat li kien hemm in effetti kirja wahda biss tal-fond, giardina u ghalqa u din saret bl-allokazzjoni mid-Dipartiment tal-Artijiet lill-attur u lil George Psaila; dan ifisser li meta George Psaila ma baqax jabita fl-istesss fond huwa tilef id-dritt ta' rilokazzjoni taht il-ligijiet specjali, u b'hekk ma kienx jispetta aktar lilu li jassenja l-istess fond lill-konvenut Richard Pace u b'hekk il-konvenut Pace qatt ma setgha jakkwista ebda titolu fuq l-istess art minghand George

Psaila. Jinghad li l-fatt li kien hemm kirja wahda tal-ambjenti kollha tirrizulta mix-xhieda ta' Joseph Zammit datata 22 ta' Jannar 2003 citata fl-istess rikors tal-appell.

Illi din il-Qorti thoss li mill-provi prodotti jirrizulta li l-fond 35, St. Nicholas Street, Qrendi gie allokat lil Salvu u George Psaila in forza ta' ordni ta' Rekwizizzjoni Numru 25488, u li s-sidien gew informati b'dan b'ittra ufficjali datata 27 ta' Mejju 1975, liema ittra ma gietx ikkontestata mis-sidien u allura permezz ta' ittra ufficjali datata 4 ta' April 1978 gew informati mid-Dipartiment tad-Djar (fol. 27) li kien ser jiddeposita il-kera l-Qorti.

Illi jirrizulta mill-istess *Requistion Order* Numru 25488 datata l-1 ta' Dicembru 1971 (fol. 31) li din tirreferi ghall- *"new Building in St. Nicholas Street next to St. Mary House, Qrendi"* u din giet servuta fuq George Psaila. B'referenza ghall-istess jidher mid-dokument a fol. 33 tal-process li l-imsemmi George Psaila kien ghadda c-cwievet tal-fond – deskritt bhala *"8 rooms in a yard"* lid-Dipartiment tad-Djar fit-30 ta' Jannar 1974. Jirrizulta li fl-istess data u dejjem b'riferiment ghall-istess post ukoll indikat bi skizz a fol. 34 tal-process, li kien sar *"Occupants Agreement"* fejn l-istess fond gie moghti lill-Salvu u George Psaila. Illi jirrizulta wkoll li permezz ta' ittri ufficjali datati 27 u 22 ta' Mejju 1975 li s-Segretarju tad-Djar (fol. 38/fol.39) kien interpella lis-siden Contessina Mary Theuma Castelletti u John Dingli bhala amministratur ta' Dingli Estate sabiex jirrikonoxxu lil Salvatore sive Salvu Psaila u George Psaila bhala inkwilini tad-dar numru 35, St. Nicholas Street, Qrendi.

Illi din il-Qorti thoss li gie ampjament ippruvat mid-dokumenti kollha msemmija li dak li gie allokat mill-istess Dipartiment tad-Djar lil Salvu Psaila u George Psaila kien fil-fatt il-bini biss konsistenti fi tmien t'ikmamar kif fil-fatt deskritti fl-istess skizz indikat fis-sentenza appellata u wkoll mill-kliem tal-istess dokumenti li jirreferu ghall-istess huma kollha relattivi ghall-istess bini u bl-ebda mod ghall-istess ghalqa mertu tal-kawza odjerna, u allura f'dan il-kuntest din il-Qorti tikkondividi dak li nghad dwar l-istess fis-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati. Il-fond u l-fond biss

konsistenti f'dawk it-tmien t'ikmamar kien gie moghti lill-istess attur u George Psaila b'titolu ta' kera. Jinghad li qabel din l-allokazzjoni George Psaila gia kellu pussess tal-istess fond, u fil-fatt irritorna c-cwievet tal-istess lid-Dipartiment tal-bini biss kif jidher mid-dokument (fol. 33 tal-process) u wara rrinunzja ghat-titolu ta' kera li kellu fuq l-istess ambjenti kif jidher *a tergo* ta' fol. 33; izda mbaghad l-istess fond fl-istess data gie allokat lilu u lill-attur skond skrittura datata 30 ta' Jannar 1974 (fol. 35) u mkien fl-istess skritturi ma hemm riferenza ghal xi raba' u qbiela fuq l-istess.

Illi minbarra li kellu tali kera fuq dan il-fond, jirrizulta wkoll mid-dokumenti esebiti konsistenti f'ricevuti ta' qbiela, li l-imsemmi George Psaila kellu wkoll b'titolu ta' qbiela l-ghalqa jew raba' maghrufa bhala "Ta Andar" u fil-fatt din kienet u baqghet dejjem fil-pussess tieghu u qatt fil-pussess ta' l-attur, tant li din dejjem inhadmet mill-istess George Psaila, u mhux mill-konvenut.

Illi jirrizulta li tali titolu ta' qbiela kien jappartjeni lill-George Psaila esklussivament kif jidher minn diversi ricevuti ta' qbiela esebiti mill-istess konvenuti fosthom dawk a fol. 55 sa 60 tal-process. Fuq l-istess ghalqa jew raba' ma jidhirx li l-istess attur kellu xi titolu jew li b'xi mod qatt inharget xi ricevuta ta' qbiela fuqu. Fil-fatt ma jirrizultax li huwa b'xi mod qatt hadem l-istess ghalqa.

Illi ghalhekk jirrizulta li minkejja li George Psaila ma baqax jabita fil-fond Numru 35, St. Nicholas Street, Qrendi, izda xorta wahda baqa' jokkupa l-istess ghalqa, u wara li l-istess raba' giet moghddija lil Giuseppi Psaila b'testment ta' George Psaila (10 ta' Jannar 1996) datat 6 ta' Settembru 1988 (Dok. "T") u dan meta kienet tinhadem mill-istess Goerge u Giuseppi Psaila, u ssussegwentement dan ta l-ahhar ghadda l-istess raba' lill-konvenut Richard Pace kif jidher mid-dokument datat 11 ta' Awissu 1998 a fol. 126 tal-process.

Illi ghalhekk din il-Qorti thoss li l-appell tal-appellanti ghandu jigi michud u s-sentenza appellata qed tigi kkonfermata.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi** billi filwaqt li tilqa' r-risposta tal-konvenuti appellati Richard Pace et in kwantu l-istess hija konsistenti ma' dak hawn deciz, **tichad l-appell interpost mill-appellanti Salvu Psaila fir-rikors tal-appell tieghu datat 22 ta' April 2008** ghaliex huwa nfondat u fid-dritt ghar-ragunijiet hawn decizi, b'dan li tikkonferma d-decizjoni tal-Qorti tal-Magistrati fl-ismijiet premessi **"Salvu Psaila vs Richard Pace et"** tat-2 ta' April 2008.

Bl-ispejjez kollha a karigu tal-appellanti Salvu Psaila.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------